



Il-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-impjegati fl-Unjoni Ewropea

Fuljett informattiv

'L-iskemi tal-parteċipazzjoni finanzjarja ... jikkontribwixxu wkoll għall-kisba ta' l-oġġettivi tal-politika soċjali billi jwasslu għall-firxa akbar ta' parteċipazzjoni fil-ħolqien ta' għid u koeżjoni soċjali aħjar.'

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, 'On a framework for the promotion of employee financial participation' (Dwar l-istruttura għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-impjegati) COM (2002) 364 finali



X'INHU l-kuntest?

Il-parteċipazzjoni finanzjarja hija sistema li tassenja premijiet addizzjonali, barra mill-paga bażika, lil gruppi ta' impjegati, fid-dawl li l-kumpanija tkun ħadmet b'mod tajjeb. Sa mill-bidu tad-disgħinijiet, bosta inizjattivi Ewropej ħeġġew azzjonijiet li jinkoraġġixxu l-qsim tal-profitti, il-pussess ta' l-impjegati li-ishma tal-kumpanija u l-għażliet ta' l-istokk għall-impjegati. Bħalissa, f'ħafna mill-pajjiżi, hemm impenn attiv fil-parteċipazzjoni finanzjarja - b'kuntrast mas-sitwazzjoni kkwotata fir-'Rapport Pepper II' ta' l-1996, li indika attività baxxa ħafna. Uħud mill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni finanzjarja permezz ta' inċentivi fiskali u forum oħra leġislattivi. Il-Kummissjoni, fi sforz sabiex tinkoraġġixxi azzjoni akbar f'aktar Stati Membri, ippublikat Komunikazzjoni fl-2002, 'On a framework for the promotion of employee financial participation' (Dwar l-istruttura għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-impjegati). Opinjonijiet sussegwenti mfassla mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropeu u mill-Parlament Ewropeu jenfasizzaw l-importanza tal-ġbir ta' l-informazzjoni fuq il-parteċipazzjoni finanzjarja; b'mod partikolari fir-rigward ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

GĦALIEX din ir-riċerka?

Bejn is-snin 1999-2004, il-Fondazzjoni għamlet riċerka fuq in-natura u d-daqs tal-parteċipazzjoni finanzjarja fl-UE. Ir-riċerka eżaminat il-politika fuq il-livell nazzjonali u l-attitudni tal-fatturi ewlenin fir-rigward ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja. Mir-riċerka nstab li l-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet ewlenin ta' l-imsieħba soċjali, għalkemm fi gradi differenti, għandhom rwol prinċipali fl-istruttura nazzjonali tal-parteċipazzjoni finanzjarja u għalhekk, jistgħu jinfluwenzaw il-miżura, il-prattika u l-karatteristiċi tal-parteċipazzjoni finanzjarja fil-livell ta' kumpanija. Ir-riċerka indikat ukoll li hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati forum ta' parteċipazzjoni finanzjarja li jagħmluha aktar attraenti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

X'INHUMA r-riżultati?

It-tendenzi ewlenin

- Matul id-disgħinijiet, il-parteċipazzjoni finanzjarja nfirxet aktar fil-kumpaniji l-kbar ta' l-Ewropa.
- Waqt li l-qsim tal-profitti, f'forma jew oħra, huwa prevalenti f'bosta pajjiżi, hemm varjazzjoni fost il-pajjiżi fuq it-tip ta' skema li jużaw.
- Il-pjanijiet kollha ta' l-ishma ta' l-impjegati (inkluż l-għażliet ta' l-istokk għall-impjegati kollha), huma relattivament mifruxa fil-pajjiżi fejn hemm arranġamenti ta' pjanijiet ta' tfaddil biex jgħinu fix-xiri ta' l-ishma.
- Il-leġislazzjoni u l-konċessjonijiet fiskali jistgħu jkunu ta' inċentiv għall-introduzzjoni ta' l-iskemi.
- L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) iħabbtu wiċċhom ma' problemi partikolari fl-introduzzjoni ta' dawn l-iskemi, fosthom spejjeż kbar u xogħol amministrattiv.
- Hemm it-tendenza li l-kumpaniji li għandhom skemi tal-pussess ta' l-ishma jikkomunikaw b'mod iktar effettiv ma' l-impjegati.


L-attitudnijiet lejn il-parteċipazzjoni finanzjarja

Il-Gvern

- Il-gvernijiet jikkunsidraw li x-xogħol tagħhom hu li essenzjalment jipprovdu struttura regolatorja u statutorja - huwa f'idejn il-kumpaniji jew l-imsieħba soċjali li jipromwovu l-pjanijiet tal-parteċipazzjoni finanzjarja.
- Għall-gvernijiet, l-iżvantaġġi ewlenin tal-parteċipazzjoni finanzjarja huma l-perikli li r-riskju jgħaddi għal fuq l-impjegati, u t-tħaddim limitat tal-parteċipazzjoni fl-SMEs.

- F'xi pajjiżi, il-gvernijiet jeħtieġu li l-pjanijiet finanzjarji jkunu soġġetti għal ftehim mar-rappreżentanti ta' l-impjegati.
- F'pajjiżi oħra, il-gvernijiet jispeċifikaw li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-parteċipazzjoni finanzjarja għandha tkun soġġetta għall-ftehim bejn l-imsieħba soċjali.

Il-kumpaniji bi skemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja fl-UE-15



Is-sors: Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, *Employee share ownership and profit-sharing in the EU, 2001* (il-pussess ta' l-ishma u l-qsim tal-profitti fost l-impjegati fl-UE, 2001).

L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem

- L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ġeneralment jiffavorixxu skemi fuq bażi wiesgħa - jiġifieri daww miftuħa għall-personal kollu.
- Huma jagħrfu r-rwol tal-qsim tal-profitti u tal-pjanijiet ta' l-ishma biex jiġġeneraw lealtà u impenn fost il-personal, u jinkoraġġixxu wkoll r-reklutaġġ u ż-żamma tal-ħaddiema.
- Ġeneralment, m'humix favor li r-rappreżentanti ta' l-impjegati jkollhom id-dritt li jinneozzjaw fuq it-ffassil, l-introduzzjoni u l-amministrazzjoni ta' l-iskemi tal-parteċipazzjoni finanzjarja.
- Hemm it-tendenza li jwieġbu b'mod favorevoli għall-proposti speċifiċi tal-gvern sabiex il-parteċipazzjoni finanzjarja tiġi estiża.



Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol
Wyattville Road, Loughinstown, Dublin 18, Irlanda
Telefon: (+353 1) 204 21 00 Email: postmaster@eurofound.eu.int
websajt: www.eurofound.eu.int

Trejdjunjins

- B'mod ġenerali, it-trejdjunjins huma favorevoli għall-parteċipazzjoni finanzjarja, basta jiġu milħuqa ċerti salvagwardji bħalma huma, l-ugwaljanza fil-parteċipazzjoni, ebda sostituzzjoni fil-pagi u li jkun hemm il-protezzjoni ta' l-impjegati minn riskju mhux raġjonevoli.
- Xi unjins jippreferu l-qsim tal-profitti mill-pjanijiet tal-pussess ta' l-ishma, minħabba li jqisu inqas riskju għas-sostituzzjoni tal-pagi, waqt li jistgħu jwasslu għal demokrazija ekonomika akbar.
- F'xi pajjiżi, l-oppożizzjoni tal-unjins għall-parteċipazzjoni finanzjarja hija assoċjata mal-ħsieb li jiġu protetti mudelli eżistenti ta' negozjar kollettiv kif ukoll l-kalkolazzjoni determinata tal-pagi.
- Il-livell ta' l-attività ta' l-unjins fil-parteċipazzjoni finanzjarja huwa influwenzat ħafna mill-livell ta' l-attività tal-gvern f'dan il-qasam.

X'SER ISIR issa?

Ir-riżultati jindikaw li l-parteċipazzjoni finanzjarja tista' twassal għal benefiċċji reali għall-impjegati, għall-intrapriżi u għall-ekonomija nazzjonali. Madankollu, minkejja dan il-potenzjal, ħafna mill-Istati Membri ma jhaddmuhx tajjeb, u għalhekk madwar l-UE hu mifruq b'mod irregolari. Proġett ta' riċerka mibdi mill-Fondazzjoni fl-2003 kien immirat lejn l-iżvilupp ta' indikaturi biex juru l-bażi tal-marka ta' referenza (benchmarking) fil-politika u l-prattika tal-parteċipazzjoni finanzjarja madwar l-UE. Fl-2004, studju tagħha fuq il-parteċipazzjoni finanzjarja fis-Slovenja wera kif dawn l-indikaturi jistgħu jiġu applikati fil-prattika. Hu maħsub li dawn l-indikaturi jistgħu jservu bħala l-bażi għal eżerċizzju ma' l-UE kollha biex juri l-bażi tal-marka ta' referenza (benchmarking) tal-prattika nazzjonali tal-parteċipazzjoni finanzjarja fis-snin li ġejjin taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Aktar tagħrif

<http://www.eurofound.eu.int/areas/participationnetwork/finpart.htm>
Marina Patriarka fuq mpa@eurofound.eu.int

Ir-rapporti tal-Fondazzjoni fuq dan is-suġġett:

Tendenzi riċenti fil-parteċipazzjoni finanzjarja ta' l-impjegati fl-Unjoni Ewropea
Il-verżjonijiet DE, EN, FR jingħataw meta jiġu mitluba

Il-pussess ta' l-ishma mill-impjegati u l-qsim tal-profitti fl-Unjoni Ewropea
<http://www.eurofound.eu.int/publications/files/EF0156EN.pdf>

Il-parteċipazzjoni finanzjarja: Ir-rwol tal-gvernijiet u ta' l-imsieħba soċjali
<http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef0440.htm>

Il-parteċipazzjoni finanzjarja fl-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju: L-ostakoli u s-soluzzjonijiet potenzjali
<http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef04100.htm>

Il-parteċipazzjoni finanzjarja fl-UE: L-indikaturi għall-bażi tal-marka ta' referenza (benchmarking)
<http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef0480.htm>

Il-parteċipazzjoni finanzjarja fl-UE: Studju dwar il-bażi tal-marka ta' referenza (benchmarking) fis-Slovenja
<http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef05132.htm>